Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,583, 5 ta' Marzu, 2021
Taqsima B

A.L. 69 tal-2021

ATT DWAR L-UNJONI EWROPEA
(KAP. 460)

Ordni tal-2021 dwar in-Nomina ta' Awtorità Kompetenti għar-Regolament (UE) 2017/1938

BIS-SAĦĦA tas- setgħat mogħtija bl-artikolu 4(2) tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea, il-Prim Ministru għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2021 dwar in-Nomina ta' Awtorità Kompetenti għar-Regolament (UE) 2017/1938.

(2) L-għan ta' dan l-ordni hu sabiex jimplimenta d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2017/1938 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017 dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 994/2010.

Tifsir.

2. F'dan l-ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra:

"Regolament" tfisser ir-Regolament (UE) 2017/1938 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017 dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 994/2010.

Awtorità kompetenti.

3. Il-Ministeru responsabbli għall-enerġija huwa b'dan nominat bħala l-awtorità kompetenti għall-finijiet tar-Regolament.

Setgħat tal-awtorità kompetenti.

4. L-awtorità kompetenti għandu jkollha s-setgħa li tiddelega kompiti speċifiċi stabbiliti fir-Regolament lil korpi oħrajn, f'konformità mal-Artikolu 3(2) tar-Regolament.